MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2013

Talba Numru. 137/2013

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**Vs**
**Jamie Andrew Mclellan (K.I. 58729A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremmettiet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mija u hamsin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€1150.45) in konnessjoni ma' 79835362 (AC40164837), liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 22 ta' Dicembru 2010; illi s-somma ta' elf mija u hamsin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€1150.45) fuq indikata hija komposta minn erba' mija u wiehed u ewro u hamsa u erbghin centezmu (€401.45) dovuti in konnessjoni mas-servizz 79835362 u dan skont Dokument A anness, flimkien ma' seba' mija disgha u erbghin ewro (€749) dovuti bhala penali skont dokument B anness; illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt

ghas-subizzjoni; bl-imghax u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2627/12.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fid-19 ta' Novembru, 2013 mill-Avukat Ingrid Zammit Young u l-fatt li li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf mija u hamsin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€1150.45) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2627/12.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------